Charles Dalli

Iż-Żmien Nofsani Malti

pin
Pubblikazzjonijiet Indipendenza

Malta
2002

Ippubblikat għall-ewwel darba f'Marzu, 2002
fis-Sensiela Kullana Kulturali
minn Pubblikazzjonijiet Indipendenza - PIN
Triq Herbert Ganado, Il-Pjetà, HMR 08 - Malta.
E-mail: pin@vol.net.mt
Il-Mija Sitta u Sittin Pubblikazzjoni

© Charles Dalli
© Produzzjoni tas-Sensiela Kullana Kulturali - PIN 2002

Dan il-ktieb qed jinbiegh bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegh, jinsilef jew jingħata b'xejn, kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-Pubblikazzjonijiet Indipendenza u ta' l-awtur.

Edituri:
Michael J. Schiavone - Editur Pubblikazzjonijiet Indipendenza
Charles Briffa - Editur Ġenerali

Produzzjoni: Michael J. Schiavone
Disinni: Mario Azzopardi - Philip Mangion
Issettjar: Philip Mangion
Scanning: Arthur Stanicic
Mitbugħ: Europrint, San Ġwann

Tagħrif għall-Katalogar:

Charles Dalli, 1971
Storja ta' Malta: Iż-Żmien Nofsani Malti (medjevali)/C. Dalli
Pjetà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2002
xii, 242 illus, ports.; 24 cms.
Bibliography, Index
1. Malta History — 500-1530
I. Title
DDC: 945.8503
ISBN: 99932-41-17-2

Il-Werrej

Dahla
Introduzzjoni 1

L-Ewwel Taqsima: Żmien Nofsani Bikri 3
1 Żmien Nofsani Bikri: It-Tieni Kapitlu Ruman 9
Mill-*Mare Nostrum* Ruman sa Ġustinjanu 10
Kristjaneżmu u Komunità fil-Gżejjer Maltin 16
It-Tieni Kapitlu tal-Millennju Ruman 21
2. Malta Musulmana 25
L-Islam fil-Mediterran 26
Il-Gwerra għad-Dominju tal-Mediterran 27
Il-Gżejjer Maltin f'Dar l-Islam 28
Minn Ħakkiem għal Maħkum: l-Islam wara l-1091 33

It-Tieni Taqsima: Malta fl-Ewropa Latina 39
3. Minn Ruġġieru II sa Federiku II 41
Il-Gżejjer Maltin fir-Renju Normann 42
Il-Kontijiet ta' Malta 45
L-Aħħar Kapitlu ta' l-Islam fil-Gżejjer Maltin 48
Rapport ta' Gilibertu Abbate 49
4. Malta Anġevina 57
Karlu t'Anġù 57
Il-Wirt ta' Federiku II 58
5. Is-Soċjetà ta' Wara l-Vespri 75
Bidu tal-Ħakma Aragoniża: Snin ta' Gwerra 76
Tifla Tiret il-Gżejjer Maltin 81
Is-Snin ta' Federiku III 84
6. Kriżi tas-Seklu Erbatax 93
Sid ta' Malta: Ġakbu Pellegrino 94
Il-Waqgħa ta' Pellegrino 98
Ħames snin ta' Amministrazzjoni Rjali 100
7. Ir-Ritorn ta' l-Aragoniżi 109
Il-Ħakma ta' Chiaramonte 110
L-Invażjoni Aragoniża 111
Lejn Sħubija Demanjali Ġdida 113
Il-Knisja u l-Istat 117
Kwadru Ekonomiku u Soċjali minn Tmiem is-Seklu 14 119

2

Malta Musulmana

Mis-seklu sebgħa Ruman sas-seklu disgħa Musulman seħħet bidla sħiħa fl-istorja Mediterranja li ma naqsitx li tolqot mill-qrib lil kull min kellu sehem fil-ħajja ta' din il-benniena taċ-ċiviltà. It-tagħlim ta' Muhammad fid-deżert Għarbi ta bidu għal qawmien politiku, kulturali, u reliġjuż fost ġens li kien jgħix fit-trufijiet tad-dinja antika, imħaxken bejn żewġ superpotenzi monoteisti li għal iżjed minn mitt sena ssieltu bla heda; fuq naħa, Kostantinopli, it-tieni Ruma, omm l-Imperu Ruman tal-Lvant, u fuq oħra, Ktesifon, il-belt ewlenija fost is-sebgħa li flimkien kienu jiffurmaw il-kapitali tas-slaten Sassanidi. Jekk ir-Rum, kif kienu jsibuhom fil-Lvant, kienu jaħkmu d-dinja mill-Pilastri ta' Erkoli sat-Tigri u l-Ewfrati, il-Persjani tal-Kosro kellhom f'idejhom Imperu dinji mill-Iraq sa l-Indu. It-tribujiet Għarab qdew kemm lil naħa kif ukoll lil oħra; xi slaten minn fosthom saru alleati tal-*basileus* jew tal-Kosro, waqt li l-kummerċ li kien jgħaddi bla waqfien min-naħa għal oħra tad-deżert għen lil nieshom jistagħnew u jitgħallmu bosta fehmiet ġodda. Filwaqt li l-kotra fosthom baqgħet tqim l-allat tad-deżert, uħud ħaddnu t-twemmin nisrani, oħrajn iddakkru mill-fehmiet tal-qassisin Zorastrijani, waqt li fin-nofsinhar Għarbi għal xi żmien saħansitra saltan re Lhudi. Muhammad resaq quddiem niesu bħala l-bniedem mibgħut minn Alla; bla dubju ta' xejn, kien ukoll il-bniedem f'waqtu (Rodinson 1971).

F'salib it-toroq bejn il-Punent u l-Lvant, l-Għarab kienu ilhom jagħmlu ħilithom biex jagħtu, u jieħdu, sehemhom fir-rotot internazzjonali li kienu jgħaddu minn arthom, jew matul ix-xtut tal-Baħar l-Aħmar, biex jgħaqqdu l-Lvant tal-Mediterran, is-Sirja u l-Eġittu mal-Mesopotamja, l-Etjopja, l-Indja, u l-Lvant Imbiegħed. Is-sejħa ta' Muhammad għal twemmin f'Alla wieħed kellha ħafna mir-reliġjonijiet ġirien; għall-bidu ma niżlet xejn tajjeb ma' niesu, tant li kellu jaħrab minn Mekka. Din il-ġrajja, msejħa l-Ħiġra jew Ħeġira, seħħet nhar is-16 ta' Lulju, tas-622, il-bidu tal-Kalendarju Musulman. Sa għaxar snin wara, Muhammad mhux biss irnexxielu jxerred l-Islam fost it-tribujiet Għarab, imma għaqqad lil artu f'ġens żagħżugħ, indipendenti, u għatxan li jwessa' t-toroq li nfetħulu għall-ġejjieni. Fost il-ġirien setgħana tal-Għarab, it-twemmin kien minsuġ fit-tradizzjonijiet ta' l-istat, u aktarx imwaħħad mal-kult ta' l-Imperatur; fost l-Għarab dan ma setax ikun, għax tradizzjoni ta' Stat ma kellhomx. L-Islam sar kollox għalihom; tahom ilsien li setgħu jħaddmu b'ħila biex iħabbtuha ma' l-aqwa ċiviltajiet, tahom kultura reliġjuża u materjali li għenithom joħolqu strutturi soċjali dejjiema, u fuq kollox tahom l-identità li ma kellhomx. Is-sejħa għal twemmin f'Alla wieħed mill-bidu kienet universali; għaldaqstant, Dar l-Islam kellha tikber sakem tħaddan fiha l-ġnus kollha (Grunebaum 1956; Cahen 1977; Lapidus 1988).

L-Islam fil-Mediterran

Sa ħamsa u għoxrin sena wara l-mewt ta' Muhammad, l-Islam sar Stat dinji: biżżejjed ngħidu li hekk kif eliminaw l-aħħar xkiel f'arthom, daru għall-provinċji Rumani tas-Sirja u l-Palestina. Fis-636 ħadu Damasku; sa sentejn wara kellhom il-kontroll ta' Ġerusalemm, u fil-bidu tas-641 kellhom tista' tgħid il-Lvant Nofsani f'idejhom. Ma damux ma daru għall-Eġittu, li l-qamħ tiegħu kien ta' kuljum jitma' lil Kostantinopli; f'sentejn ħadu l-pajjiż kollu ħlief għal Lixandra. Fis-643 l-Għarab daħlu fi Tripli, imma kellhom jgħaddu mal-ħamsa u sebgħin sena oħra sakemm il-ħakma tagħhom fl-Afrika ta' Fuq kienet sħiħa (Taha 1989). Sadattant, Kostantinopli baqgħet issaltan fl-Anatolja u fil-Balkani; mhux l-istess jista' jingħad għall-istat Sassanid, li bejn is-637, mal-waqgħa tal-kapitali Persjana Ktesifon, u s-654, l-Għarab qerduh għal kollox. L-istat Musulman kellu jikber f'daqqa. Mas-setgħa dinjija ġie wkoll l-għelt ta' kull struttura politika kbira li trid tadatta ruħha għall-bidla f'daqqa; bejn is-656 u s-661 l-Għarab daqu l-imrar ta' l-Ewwel Gwerra Ċivili, li wasslet biex id-Dinastija ta' l-Umajjadi ħatfet is-setgħa imperjali u bdiet taħkem l-Imperu żagħżugħ mill-kapitali Sirjana Damasku.

Fl-ewwel nofs tat-tmien seklu, l-Għarab, issa sidien tad-dinja mill-Atlantiku sa l-Asja Ċentrali, qasmu l-Pilastri ta' Erkoli u f'sentejn ħakmu tista' tgħid żewġ terzi tal-Peninsula Iberika (711-13); Ġebel Tariq (Ġibiltà) ifakkarna fil-Ġeneral rebbieħ li ġab fix-xejn ir-reżistenza tas-saltna Visigota (Collins 1989). L-Islam f'al-Andalus, kif sejħulha l-Għarab is-saltna Musulmana li waqqfu fi Spanja, isseddaq f'ċiviltà ġdida, u l-kapitali tiegħu Kordoba bdiet tħabbatha ma' l-aqwa bliet ta' żmienha. Meta fis-750, wara t-Tielet Gwerra Ċivili Musulmana, il-Kaliffi Umajjadi twarrbu mis-setgħa u ħadulhom posthom dawk Abbasidi f'Bagdad, fergħa tal-familja rjali l-qadima baqgħet issaltan għal rasha f'al-Andalus. B'hekk il-peninsula Iberika gawdiet tliet mitt sena ta' indipendenza politika bla parallel fid-dinja Musulmana (Lévi-Provençal, 1950, I).

Bl-emiri Musulmani f'Ċipru, l-Għarab tgħallmu malajr is-snajja' tat-tbaħħir u l-bini tax-xwieni, bnew il-flotot u għamlu ħsara kbira lill-ekonomija ta' Kostantinopli (Pryor 1988). B'hekk tnediet gwerra bla waqfien fuq il-baħar bejn il-forzi nsara u dawk Musulmani; jingħad li sa mis-652, flotta Sirjana attakkat Sqallija. Minbarra dan, l-Islam baqa' għaddej bil-gwerra diffiċli fl-Afrika; wara li ttieħdet Lixandra fis-642, waqqfu kapitali ġdida Eġizzjana, Fustat (il-Kajr il-Qadim). Kien diffiċli ferm għall-Imperatur tal-Lvant biex iwaqqaf din il-mixja rebbieħa ta' l-Islam. Fis-663, Kostanzu II mar joqgħod Sirakuża; imma dan il-pass, flok saħħaħ il-qagħdiet Rumani f'nofs il-Mediterran, kompla jikxef id-dgħufija tagħhom. Armata li ntbagħtet kontra l-Musulmani fl-Afrika kellha terġa' lura; għedewwa ta' Kostanzu daru għalih u qatluh, fis-668. Il-Musulmani ma qagħdux lura; ħatfu l-Ifriqija (it-Tuneżija ta' llum) u fis-670 waqqfu kapitali ġdida, Qajrawan. Waħda wara l-oħra, il-fortizzi Rumani fl-Afrika ta' Fuq waqgħu f'idejn l-Għarab; ir-rebħa ta' Kartaġni fis-698 ħabbret, tista' tgħid, it-tmiem ta' disgħa mitt sena ta' storja Rumana fl-art Afrikana (Lapidus 1988, kapitlu 16).

Matul is-seklu tmienja, kif rajna, l-Islam saħħaħ il-qagħda tiegħu fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika ta' Fuq u Spanja. Bnew ċivilità mifruxa għal-livelli kollha tas-soċjetà. Sa dan iż-żmien, il-Musulmani nfushom kienu, tista' tgħid, għadhom f'minoranza kullimkien; il-mewġa ta' konverżjonijiet, ngħidu aħna mit-twemmin nisrani għal dak Mislem, damet ma seħħet. Kien hemm raġunijiet għal dan, bħat-tolleranza li wrew il-ħakkiema ġodda Musulmani ma' *ahl al-kitáb*, jiġifieri l-Insara u l-Lhud, li t-tnejn li huma għandhom twemmin imsejjes fuq kitba mqaddsa. Dawn il-kommunitajiet setgħu jibqgħu iħaddnu t-twemmin u jgħixu bid-drawwiet l-imgħoddija, sakemm joqogħdu għall-ħakma ta' l-Islam,

jilqgħu l-istatus ta' *dhimmi* (jiġifieri, ċittadini tat-tieni klassi), u jħallsu l-*gizja* (taxxa miġbura ras għal ras) u l-*harag* (nghidu aħna, kwart tal-prodott tal-biedja). Ma ninsewx li, f'dan l-istadju, l-Għarab stess kienu minoranza etnika; fl-Afrika ta' Fuq, ngħidu aħna, il-kotra tan-nies baqgħet Berbera, titkellem djaletti ħamitiċi, mis-seklu sebgħa sa nofs is-seklu ħdax. Meta tqis kemm kienu ftit dawk ta' nisel Għarbi fost il-ġellieda ta' l-Islam, ikollok terġa' lura mill-kelmtejn ħakma Għarbija (Talbi 1966).

Għal madwar mija u sittin sena, il-Musulmani ta' l-Ifriqija Aglabita (isem il-familja ta' emiri mexxejja tar-reġjun), flimkien ma dawk ta' Spanja u tal-Lvant, kienu uffiċjalment fi stat ta' gwerra ma' Sqallija Rumana. Lejn is-sena 700 taw is-salt għall-gżira ta' Pantellerija, li żammew għal xi żmien; fis-704 attakkaw belt mhux magħrufa, u fis-sena ta' wara l-kapitali nnifisha, Sirakuża. Attakki oħra fis-720 u mis-727 sas-730 wasslu biex id-difensuri Griegi tal-gżira bdew jinnegozjaw ftehim mal-għadu. F'battalja navali bejn l-Afrika u Sqallija fis-733, kien biss l-użu tan-Nar Grieg li waqqaf lill-Musulmani milli jinvadu l-gżira (Pryor 1988, kapitlu 4). Dan xorta għamluh bil-kbir fis-740, meta l-armata Musulmana saħansitra assedjat Sirakuża; din kellha tixtri l-*aman* (jiġifieri, il-waqfien mill-ġlied). Il-Musulmani kienu pass 'il bogħod milli jieħdu Sqallija, meta faqqa rvell Berberu fl-Afrika li ġegħelhom immorru lura d-dar. Wara attakk fis-753, Sqallija ħadet nifs għaliex problemi interni fl-Afrika Musulmana ma tawx ċans lill-għadu jdur għaliha. F'dan il-perjodu, l-popolazzjoni Griega ta' Sqallija ntefgħet b'ruħha u ġisimha tibni l-kastelli u tiffortifika l-bliet u x-xtut tal-gżira kif setgħet; ix-xogħol li twettaq ma sarx għalxejn. Xhieda ta' dan kellha tiġi bil-kbir fis-seklu ta' wara, meta l-Musulmani bdew il-konkwista ta' Sqallija; din bdewha fit-827, meta żbarkaw f'Mazara, imma Sirakuża waqgħet xi ħamsin sena wara, waqt li l-Musulmani ħadu Taormina f'idejhom fid-902 (Maurici 1995, kapitlu 2).

Il-Gwerra għad-Dominju tal-Mediterran

Diffiċli tisthajjel b'dankollu li l-Musulmani stennew sas-sena 869 biex jagħmlu l-ewwel attakk fuq Malta u Għawdex. Għalkemm m'hemm l-ebda xhieda ta' attakki Musulmani fuq il-Gżejjer Maltin fis-seklu tmienja u l-bidu tas-seklu disgħa, il-probabiltà hi li anki dawn daħlu fil-kwadru tal-pressjoni li l-flotot mill-Ifriqija kienu jagħmlu fuq Sqallija f'dawk is-seklu u nofs ta' gwerra qabel it-827. L-eżempju ta' Pantellerija huwa ċar. Din il-gżira żgħira saret rifuġju ta' l-insara li għażlu jaħarbu mal-wasla ta' l-Islam fl-Afrika; l-Għarab attakkawha lejn is-sena 700 u ħaduha. Meta r-Rumani reġgħu ħadu l-kontroll tal-gżira, ma nafux; biss dan seħħ tassew, għaliex bejn it-803 u t-806 l-Imperatur Nikeforu I eżilja hemm tliet membri ewlenin dissidenti tal-Knisja tal-Lvant, u fit-806 seħħ dak il-qbid ta' sittin patri mill-Musulmani li ssemma aktar kmieni. Sat-835 Pantellerija kienet għadha f'idejn id-difensuri nsara li sfaw il-mira ta' l-attakki ta' Zijadat Allah I.

Is-seklu u nofs ta' pressjoni Musulmana fuq Sqallija qabel ma tnidiet il-konkwista tal-gżira fit-827; it-tul innifsu tal-gwerra mit-827 sad-902; l-eżempju ta' Pantellerija, li kellha tintrebaħ darbtejn mill-Islam: dawn il-fatturi kollha juruna kemm m'għandniex naħsbu li f'din it-taqbida, ir-rebħa jew it-telfa ta' naħa jew oħra kienet maqtugħa mill-bidu. Mill-banda l-oħra, bi Sqallija maqsuma fi tnejn, f'nofs is-seklu disgħa (bil-Punent f'idejn il-Musulmani, u l-Lvant f'idejn ir-Rumani tal-Lvant) is-siwi ta' Malta bħala bażi navali aktarx li żdied. Dan ukoll isaħħaħ il-probabiltà (għalkemm, kif għedna, xhieda m'hemmx) li l-Gżejjer Maltin sabu rwieħhom fil-mira ta' l-Islam ferm qabel it-869-870. Hu x'inhu, l-uniku tagħrif sod li għandna huwa marbut ma' dak li ġara bejn it-869 u t-870, u lanqas

hawn m'għandna kemm nixtiequ (Wettinger 1986; Brincat 1995).

L-għan Musulman kien li jiżolaw kemm jistgħu l-kapitali Griega, Sirakuża. Fit-866 il-Ġeneral Musulman Hafadga xejjen irvellijiet f'Noto u Ragusa; ibnu Muhammad għal ftit ma ħax il-fortizza ta' Taormina. Minn Malta, il-Griegi setgħu jibagħtu l-provvisti lill-assedjati f'Sirakuża. X'tgħid ix-xiehda li għandna? Skond al-Himjarī, il-Musulmani ħadu lil Malta fis-sena 255 (din hi s-sena Musulmana, jiġifieri mill-20 ta' Diċembru tat-868 sat-8 ta' Diċembru tat-869); bl-istess mod, Ibn Haldūn iqiegħed ir-rebħa ta' Malta fit-869. Madankollu, il-*Kronaka ta' Cambridge* tiddataha fid-29 ta' Awissu, 870; jum biss wara d-data mogħtija fi *Ktieb l-għejun*. Ibn al-Athir isostni li fis-sena 256 (jiġifieri mid-9 ta' Diċembru 869 sat-28 ta' Novembru 870) il-Musulmani ta' Sqallija ħelsu lil Malta li kienet assedjata mill-Griegi; skond dan il-kittieb, dawn ħarbu kif semgħu bil-wasla tal-Musulmani. Jekk Ibn al-Athir qed jgħid sew, il-Musulmani kienu diġà ħadu lil Malta *qabel* Diċembru tat-869, biex fis-sena 256 iddefendewha kontra attakk Grieg. Skond al-Himjarī, Malta ġiet attakkata minn Halaf al-Hādim; mid-dehra d-difensuri tagħha ma tawx ruħhom b'mirbuħa, għaliex il-Musulmani kellhom jassedjawha, u Halaf tilef ħajtu waqt dan l-assedju. Għaldaqstant il-Musulmani għarrfu b'dan lill-mexxej tagħhom Abu Abd Allah, u dan amar lill-kmandant Musulman fi Sqallija, Ibn Hafadga, biex jibgħat mexxej ġdid għall-assedju ta' Malta. Dan bagħat lil Sawada Ibn Muhammad; il-Musulmani rnexxielhom jaħtfu l-fortizza ta' Malta u jieħdu l-mexxej tagħha (Amros, forsi Ambrosju?) priġunier. Il-fortizza nqerdet, u saret ħerba sħiħa: serq u sakkeġġjar. Snin wara, kien għad hemm skrizzjoni mal-kastell ta' Susa, fit-Tuneżija, biex tfakkar kif il-pilastri ta' l-irham u l-ġebel f'dan il-kastell ittieħdu minn Malta mill-Ammirall Musulman, Habaxi Ibn Umar. Din jagħti x'tifhem li l-assedju Musulman ta' Malta ma sarx biss mill-art, imma wkoll b'imblokk navali (bosta mid-dokumenti jinsabu fil-BAS; ara wkoll id-diskussjoni minn Wettinger 1986, u t-tagħrif ġdid fi Brincat 1995).

Il-bidla ta' Ġeneral ma' ieħor f'nofs l-assedju ta' Malta juri li l-Musulmani ma rebħux il-Gżejjer Maltin f'ħakka t'għajn. Kellhom jitħabtu biex ħadu lil Malta; lill-mexxej tagħha ħaduh priġunier, u l-fortizza ta' Malta qerduha. Dawn l-azzjonijiet jindikaw li għalkemm il-Musulmani harġu rebbiħin, kellhom minn xiex jibżgħu; għalfejn qerdu l-fortizza jekk dan ma kienx il-każ? Ma jissemmiex x'ġara min-nies; jista' jkun li uħud inqatlu, oħrajn inġarrew fil-jasar, jew baxxew rashom għall-ħakma Musulmana. Imma minn dan kollu m'għandniex tagħrif li nistgħu norbtu fuqu. Jekk il-Musulmani sabu reżistenza qawwija u fit-tul, diffiċli tisthajjel li ma ntużatx vjolenza fuq in-nies. Hu x'inhu, x'tistenna minn gwerra li kienet ilha fis-seħħ għal iżjed minn erbgħin sena? Fis-snin ta' qabel il-waqgħa ta' Sirakuża fit-878, il-Musulmani użaw tattika estrema fejn iddevastaw kull fejn sabu fil-Lvant ta' Sqallija; mal-waqgħa tal-belt kapitali f'idejhom, wettqu massakru li baqa' jissemma. Il-kittieb tas-seklu erbatax al-Himjarī jsostni li wara l-konkwista ta' Malta, il-gżira ta' Malta tħalliet *hirba 'ajr ahl* (ħerba bla popolazzjoni); x'nistgħu nifhmu b'dan?

Il-Gżejjer Maltin f'Dar l-Islam

Wara dan, jgħidilna al-Himjarī, il-gżira ta' Malta baqgħet ħerba bla popolazzjoni. Esaġerazzjoni letterarja? Jista' jkun li l-kittieb Għarbi ħalla l-kitba tiegħu tiġri bih, iżda ma setax mar 'il bogħod wisq mill-verità, għaliex li l-gwerra tħalli ħerba warajha tgħidulna l-istorja ta' kull żmien. Jista' jkun li seħħ depopolament totali? Iva, jista' jkun; proġetti arkeoloġiċi fi gżejjer Mediterranji oħrajn qegħdin iwasslu għal konklużjonijiet simili. Madankollu, l-istoriku jrid jistabbilixxi wkoll x'kienet il-probabiltà fil-qafas tal-



Iċ-Ċimiterju Musulman fid-dar Rumana, ir-Rabat.

fatti magħrufin. Fi kliem ieħor, jekk se nserrħu biss fuq kitba tas-seklu erbatax, ma tantx nistgħu mmorru 'l bogħod. Qabel xejn wieħed irid jara jekk jistax jafda lil dan il-kittieb, li ma qalax minn żniedu, imma qagħad fuq kitbiet ta' qablu, li llum intilfu; preċiżament, għax dawn illum mitlufin, ma nistgħux nivverifikaw l-użu tagħhom b'mod sħiħ (punt mhux enfasizzat biżżejjed minn Brincat 1995). L-użu tal-*Kitāb ar-Rawd al-mi^{c}tār* minn storiċi ewlenin fl-Italja, Spanja u pajjiżi jsaħħaħ il-fehma pożittiva dwar is-siwi ta' dan ix-xogħol bħala għajn primarja ta' tagħrif; madankollu dan ma jfissirx li wieħed għandu jaċċetta kulma jgħid il-kittieb b'mod għami.

Din il-kitba tas-seklu erbatax (li baqgħet teżisti bis-saħħa ta' edizzjoni tas-seklu ħmistax), hija msejsa fuq tagħrif miġbur minn kitbiet wisq eqdem speċjalment ta' al-Bakrī u al-Qazwīnī (Brincat 1995, 38). Tiddeskrivi lil Malta bħala waħda mill-gżejjer qrib Sqallija, fil-*qibla* (jiġifieri, tħares lejn Mekka) minn Messina. Wara li jsemmi l-imgħoddi Musulman, al-Himjarī jirrimarka li l-portijiet ta' Malta huma tajbin għall-imriekeb, u kif issib fiha siġar taż-żnuber, tal-għargħar, u taż-żebbuġ. Jagħti t-tul ta' Malta bħala tletin mil; il-*madina* ta' Malta, iżid jgħid, hija fost l-eqdem, u fiha kienu jgħixu r-Rum (jiġifieri, il-Griegi li ħakmu Malta sat-869-70). Dan it-tagħrif fuq il-qedem taċ-ċentru urban Malti jarah importanti biżżejjed li jqiegħdu fil-parti introduttiva ta' l-artiklu. F'dan l-istadju, bl-ebda mod ma jimplika li kien hemm xi qtugħ fil-kontinwità; anzi, bil-maqlub, jisħaq fuq il-qedem tal-*madina* Maltija. Imbagħad jiġi r-rakkont fuq il-battalja għal Malta fit-870; wara li al-Himjarī jirrimarka li l-konkwista ħalliet lil Malta ħerba bla nies, isemmi wkoll kif kienu jżuruha l-bennejja ta' l-imriekeb, minħabba l-kwalità ta' l-injam tagħha; is-sajjieda, minħabba l-kotra u t-tjieba tal-ħut madwar xtutha; u dawk li jiġbru l-għasel, minħabba li ssibu mal-gżira kollha. Hawnhekk, al-Himjarī donnu qiegħed jagħtina kwadru ta' ekonomija naturali, ibbażata fuq il-karatteristiċi ta' Malta li jsemmi fl-introduzzjoni: l-injam, li ġej mis-siġar tagħha; il-ħut, li ġej minn baħarha; u l-għasel, li jfakkarna fl-isem innifsu ta' Malta. It-test joħroġ il-kuntrast qawwi bejn Malta fit-870 u Malta fl-istat naturali tagħha; jimplika waqgħa miċ-ċiviltà, jew twissija, jekk trid, għal min jirreżisti l-Islam.

Li nistgħu nagħmlu żgur huwa li nistabbilixxu l-qafas storiku. Dan xejn m'hu faċli, kif ingħad, minħabba n-nuqqas ta' tagħrif dokumentat; l-istudju tan-numismatika Musulmana f'Malta jinkludi muniti ta' provenjenza lokali mill-perjodi 900-950 u 1000-1050 (Brown 1992). Hawnhekk, jeħtieġ inħarsu lejn il-kwadru l-wiesgħa tal-ġrajjiet. Fit-870, il-Musulmani f'Malta ma setgħux ikunu jafu meta se taqa' f'idejhom Sirakuża; dan seta' ma jseħħ qatt. Il-loġika tgħidlek li ma qabdux u telqu l-gżira mirbuħa b'diffikultà mal-ewwel għal riħha, mingħajr ma żammew għallanqas l-għases għall-għadu; Habaxi kien se jitlaq port bħal dak ta' Malta minn idejh, waqt li kien għadu jissielet mal-Griegi fil-Lvant ta' Sqallija? Jekk xi nies baqgħu tassew jgħixu f'Malta wara t-870, ma narax għaliex ma baqgħux fil-gżira definittivament. Fit-test insibu referenza għall-qerda tal-*ħisn* ta' Malta (jiġifieri kastell jew fortizza, f'dan il-każ f'lokalità mhux magħrufa). Dan m'għandux jitħallat ma' *madina*, kelma li al-Himjarī juża dejjem biex jirreferi għall-belt ta' Malta; mela ħarsa mill-qrib lejn id-dokument tgħidilna li l-kittieb ma jsemmi mkien li nqerdet din il-belt, jew li nqatlu niesha. Tajjeb li nisħqu fuq id-differenza bejn *ħisn* u *madina*, li tidher fil-kitba kollha ta' al-Himjarī, u mhux fl-artiklu fuq Malta biss. Li teqred fortizza hija miżura ta' kontroll fuq il-popolazzjoni lokali, kif inhi wkoll li tieħu l-isqof priġunier; fi kliem ieħor, waħda għandha l-effett li tinnewtralizza l-komunità, waqt li l-oħra tkissrilha l-moral. M'għandniex ninsew, wara kollox, li r-referenza f'al-Himjarī hija għal Malta biss, mhux għal Għawdex. Il-kitba ta' al-Himjarī hija fost l-itwal fuq il-ħakma Musulmana f'Malta, biss ma tgħidx kelma waħda fuq Għawdex.

Il-battalja għal Malta, fit-869-870, hija l-ewwel waħda li nafu biha fiż-Żmien Nofsani Malti. Malta u Għawdex baqgħu f'idejn Musulmani sa l-1091; l-uniċi żewġ episodji oħrajn f'dan il-perjodu li għandna tagħrif fuqhom huma żewġ invażjonijiet oħrajn, waħda lejn nofs is-seklu ħdax, mir-Rumani tal-Lvant, u l-oħra propju fl-1091, min-Normanni. Bħallikieku l-Gżejjer Maltin kienu jsiru relevanti biss wiċċ imb'wiċċ mal-għadu. Terġa' u tgħid, hemm qabża ta' xi mija u tmenin sena bejn il-konkwista Musulmana u l-invażjoni ta' nofs is-seklu ħdax. M'għandniex tagħrif fuq x'ġara fil-Gżejjer Maltin f'dan il-perjodu daqstant twil (ngħidu aħna, itwal mill-perjodu kolonjali Ingliż). Jista' jkun li dak li jtarrfilna al-Himjari seħħ tassew: Malta u Għawdex għaddew għal stat ta' ekonomija naturali, b'waqgħa drastika fil-livell tal-popolazzjoni. Għalkemm huwa naturali li l-awtur jindika l-ġrajjiet tat-869-870 bħala l-kaġun ta' dan, jista' jkun li kien hemm fatturi usa' li kienu qegħdin jaffettwaw, tista' tgħid, lid-dinja Mediterranja kollha. Bosta gżejjer Mediterranji ġirien, bħal Pantellerija, Lipari, u Ġerba, għandhom *lacunae* kbar fl-istorja medjevali tagħhom, mhux l-inqas fis-seklu għaxra. Il-vjaġġatur Iraqi Ibn Hawqal, lejn id-970 ħallielna deskrizzjoni mill-aqwa ta' Sqallija; imma jsemmi kif f'Malta (aktarx ried jgħid Galita, gżira qrib il-kosta Alġerina, u mhux Malta) kienu jgħixu biss għadd kbir ta' ħmir u mtaten! (Redjala 1973; Luttrell 1987)

Min-naħa l-oħra, xogħol arkeoloġiku qed jurina kif, jekk mhux minn tmiem is-seklu għaxra, almenu mill-ewwel nofs tas-seklu ħdax hemm sinjali ċari ta' ħajja kommunitarja fil-belt ta' Malta. Forsi għad jasal iż-żmien li, fejn l-istorja qed tara qtugħ mudlam, l-arkeoloġija tilmaħ kontinwità. L-idea ta' depopolament totali tista' tapplika għal perjodi qosra, imma diffiċli titwessa' għal mija u tmenin sena. Ma ninsewx li jekk il-Musulmani ħadu Sqallija, il-Griegi baqgħu jiġġildulhom fl-Italja t'Isfel; il-gwerra bla heda fuq il-baħar kixfet beraħ il-gżejjer tal-Mediterran għal attakki bla ħniena, imma tat ukoll il-wisgħa lil min ried jistagħna mis-sibi (Guichard 1991; Gabrieli-Scerrato 1985). Id-dokumenti tal-Ġeniża tal-Kajr huma elokwenti ħafna fuq il-kummerċ fil-Mediterran tas-seklu għaxra u ħdax (Goitein 1971). Fit-tieni nofs tas-seklu għaxra, l-Imperu Ruman tal-Lvant għex żmien tad-deheb (Angold 1997); sintomu ta' dan kienet il-konkwista Griega ta' Kreta fid-963, li kienet saret bażi għas-sibi Musulman. Kostantinopli qatt ma qatgħet qalbha li terġa' tirbaħ Sqallija: fl-ewwel nofs tas-seklu ħdax, il-Ġeneral Ġorġ Maniakes mexxa invażjoni kbira li għal ftit ma wasslitx biex Sqallija saret mill-ġdid parti mill-Imperu (1038-40). Fi kliem ieħor, il-Griegi ma kinux se jħallu opportunità taħarbilhom; kieku Malta u Għawdex għamlu żmien twil abbandunati għal kollox, x'ried ikun biex dawn ma jirkuprawhiex?

Żewġ dokumenti ewlenin jgħarrfuna bil-ħbit Grieg fuq Malta f'nofs is-seklu ħdax. L-istoriku al-Qazwini jtarraf kif wara l-1048-49, ir-Rum attakkaw Malta: wara xi ġlied ma' l-abitanti, talbuhom ħwejjiġhom u n-nisa tagħhom. Il-Musulmani nġabru, u raw li l-għadd ta' lsiera tagħhom kien jisboq dak tagħhom. Għaldaqstant daru fuq l-ilsiera tagħhom, u ħeġġewhom biex jaqbdu l-armi u jiġġieldu spalla ma' spalla magħhom. Jekk tirbħu, tkunu ħielsa, u dak li hu tagħna jkun tagħkom; jekk toqogħdu lura, aħna ninqatlu, u intom ukoll. Hekk għamlu: ingħaqdu, u flimkien, bħallikieku raġel wieħed, irnexxielhom iħarbtu lir-Rum għal kollox, u joqtlu ħafna minnhom (Wettinger 1986).

Dan ir-rakkont insibuh f'verżjoni itwal f'al-Himjari, biss hawnhekk tingħata kronoloġija differenti (Brincat 1995). Skond al-Himjari, li ried ikun konsistenti mal-bqija tat-tagħrif li ta dwar Malta, fl-1048-49 il-Musulmani rritornaw Malta u għammruha; bnew il-belt tagħha, u din ġiet isbaħ minn qabel. Huwa tassew li f'dan iż-żmien fl-Ifriqija seħħew irvellijiet u massakri minn Musulmani Sunni kontra Musulmani Xiti f'Qajrawan; dawn ta' l-aħħar ġew imġiegħla jagħrfu t-tmexxija tal-Kaliffi Abbasidi fl-1049. L-invażjonijiet tal-

Banu Hilal fl-Ifriqija bdew fl-1052; ħames snin wara, fl-1057, għamlu ħerba minn Qajrawan. Għaldaqstant jista' jkun li l-istorja ta' al-Himjarī dwar il-miġja ta' Musulmani f'Malta, hija sa ċertu punt vera. Kemm huwa veru li bnew il-belt ta' Malta, iżjed diffiċli li tgħid, meta tqis li dawn, skond hu, ġabuha isbaħ minn qabel; forsi ma riedx jgħid li bnewha mis-sisien, imma li għammruha, u sebbħuha. Inkella hemm kontradizzjoni ma' l-istqarrija tal-bidu, fejn jgħodd il-*madina* ta' Malta fost l-eqdem bliet.

Hu x'inhu l-każ, al-Himjarī jsostni li l-attakk Grieg kontra Malta seħħ ħames snin wara (jiġifieri fl-1053-54); huwa jgħid li r-Rum attakkaw lil Malta bi flotta kbira u f'għadd kbir, u assedjaw lill-Musulmani fil-*madina* sakemm dawn waslu fix-xifer li jċedu. Il-Musulmani talbuhom l-*aman* (jiġifieri, salvakondott) imma l-Griegi rrifjutawhom ħlief għan-nisa u ġidhom; dan, skond al-Himjarī, wassal lill-assedjati biex jgħoddu kemm kien hemm irġiel tajbin għall-ġlied fosthom u sabu li ma kienx hemm iżjed minn erba' mija. Dan jindika li l-kittieb uża għajn oħra ta' tagħrif barra l-kitba ta' al-Qazwīnī li semmejna. It-tnejn jaqblu, madankollu, fuq il-punti ewlenin; l-ilsiera, jew *'abid* kienu iżjed numerużi mis-sidien tagħhom, u f'waqt ta' invażjoni setgħu jisfruttaw il-qawwa numerika tagħhom biex jirbħu stat soċjali ġdid u qagħda ekonomika aħjar.

Bil-maqlub ta' l-Ewropa fewdali, fejn l-ilsiera nqatgħu meta l-kotra tan-nies saru serfi, madwar ix-xtut tal-Mediterran il-jasar baqa' fattur importanti; f'Malta, mid-dehra, din l-istituzzjoni tant kienet qawwija, li kienet tinvolvi l-maġġoranza tal-popolazzjoni. Interessanti, ngħidu aħna, l-fatt li kemm al-Qazwīnī, kif ukoll al-Himjarī, jirrappreżentaw dan il-patt soċjali bħala inizjattiva ta' l-*ahrar*, jiġifieri tal-Musulmani, is-sidien liberi ta' l-ilsiera. Is-sidien Musulmani kienu f'qagħda ddisprata; saħansitra kienu talbu l-*aman* lill-Griegi, u dawn anki dan irrifjutawlhom.

Mill-banda l-oħra, l-*'abid* bilfors li kellhom sens ta' grupp soċjali distint, għaliex is-sidien jindirizzawhom b'mod kollettiv, u jitolbuhom jagħżlu jekk humiex bi ħsiebhom jgħinuhom jew le. Minbarra dan, waqt li s-sidien liberi jissejħu Musulmani, jiġifieri jintgħarfu bl-identità reliġjuża tagħhom, huwa l-istat soċjo-ekonomiku u ġuridiku li jagħraf lil dawn l-ilsiera bħala tali. Id-distinzjoni bejn iż-żewġ gruppi tidher netta: hija reliġjuża, soċjali, ekonomika, u ġuridika. Diffiċli tisthajjel li dawn l-ilsiera qagħdu passivi waqt l-invażjoni u l-assedju, sakemm kellmuhom is-sidien; kienet qed tinħema xi rewwixta minn ġewwa? L-ilsiera setgħu jgħinu lill-għadu, anki billi jfixklu, daqskemm setgħu jagħtu daqqa t'id fid-difiża tal-*madina*. Musulmani ma kinux; iż-żewġ kittieba jużaw dan l-isem għas-sidien. Imma dawn ta' l-aħħar lill-*'abid* beżżgħuhom li tkun magħmula tagħhom jekk jaqgħu f'idejn il-Griegi; allura nsara aktarx ma kinux lanqas.

Daqstant ieħor huwa diffiċli tispjega dawn l-ilsiera min kienu; komunità nattiva li tjassret mal-miġja tal-Musulmani? Jew vittmi tal-gwerer u l-piraterija Musulmana max-xtajtiet tal-Mediterran? Fl-ewwel każ, hemm il-vantaġġ ta' element kommunitarju naturali; il-ħolqien ta' din is-soċjetà fuq żewġ livelli kien imur lura għall-konkwista Musulmana. Dan jgħinek tifhem kif, fis-siegħa tal-prova, dawn l-ilsiera setgħu jaġixxu b'mod kollettiv. Fir-rakkont drammatizzat ta' al-Himjarī, is-sidien ifakkru lill-ilsiera li jekk, wara li jingħaqdu magħhom fil-ġlied, joħorġu telliefa, setgħu jittamaw li jinfdew minn xi ħabib għażiż jew jinħelsu minn sehibhom jew isalvaw billi tieqaf magħhom il-komunità tagħhom. Dan mill-ġdid isaħħaħ il-fehma li l-*'abid* imsemmija ma kinux taħlita ta' nies barranin vittmi tas-sibi, imma nies li kellhom rabta kommunitarja lokali bejniethom; il-Musulmani setgħu jixtrulhom il-kollaborazzjoni tagħhom billi jwegħduhom futur Malti: avvanz politiku (li jagħtuhom il-ħelsien), imma wkoll soċjali (li jiżżewġu lil uliedhom bniet) u ekonomiku (li jaqsmu magħhom dak kollu li għandhom). Kemm al-Qazwīnī, kif ukoll al-Himjarī, jsem-

mu li dan il-patt soċjali fil-fatt daħal fis-seħħ mar-rebħa Musulmana. Hemm differenza kbira mill-imġiba ta' l-ilsiera nsara msemmija fir-rakkont Normann ta' Malaterra (ara iżjed 'l isfel), li ma jilqgħux l-offertà li jagħmlilhom il-Konti Ruġġieru li jibnilhom belt ġdida libera għalihom fi Sqallija; interessati biss fil-ħelsien personali tagħhom, fl-1091 kulħadd jagħżel li jmur lura lejn art twelidu.

Dan l-episodju ta' nofs is-seklu ħdax diffiċli tispjegah bħala invażjoni uffiċjali jew azzjoni militari ta' l-istat Grieg kontra qagħda Musulmana f'nofs il-Mediterran. Il-kampanja li wettaq Ġorġ Maniakes fi Sqallija kienet ippjanata fl-1026, imma bdiet biss tnax-il sena wara (Norwich II, kapitlu 16). Minkejja dan, Maniakes irnexxielu jieħu, tista' tgħid, il-Lvant ta' Sqallija kollu; din ir-rekonkwista ntemmet ħesrem fl-1040 meta dan issejjaħ lura Kostantinopli u tefgħuh il-ħabs mixli bi tradiment. Dan l-attakk fuq Sqallija Musulmana sfrutta l-firda kbira li kienet daħlet fost il-Musulmani ta' Sqallija mill-bidu tas-seklu ħdax 'il quddiem; l-emiri Kalbiti ta' Palermo ftit li xejn kellhom kontroll tas-sitwazzjoni. Il-kapitali tal-gżira kienet għadha fost l-ikbar bliet tal-Mediterran; il-portijiet Sqallin kienu esportaturi ewlenin tal-qamħ u prodotti oħrajn (Guichard 1991). Dan ma setax jonqos li jħajjar lill-Griegi biex jistabbilixxu ruħhom mill-ġdid fi Sqallija; il-jedd imperjali għall-gżira ma twarrab qatt, lanqas meta twaqqfet is-Saltna Normanna. Biss id-dati li jagħtuna t-testi ma jaqblux ma' l-istorja Griega f'dawn iż-żminijiet; forsi l-ġrajja ġiet spustata. Jista' jkun li dan l-attakk Grieg (jekk b'Rum nifhmu Griegi, u mhux insara oħra bħar-repubbliki tal-baħar fl-Italja ta' Fuq) kontra gżira dgħajfa Musulmana seħħ biex jirbħu qagħda strateġika minn fejn setgħu jagħmlu ħafna ħsara lill-kummerċ bejn Sqallija u l-Ifriqija; al-Himjarī jindika li l-flotta mibgħuta kienet waħda mdaqqsa. Mill-banda l-oħra, jista' jkun ukoll li kienet azzjoni punittiva biex jeliminaw, ngħidu aħna, ċentru tal-piraterija Musulmana; bosta gżejjer Mediterranji ntużaw b'dan il-mod (Malamut 1988). L-azzjoni ta' Maniakes bejn l-1038-1040 ġiet uffiċjalment b'risposta għall-attakki li wettaq l-emir Sqalli al-Akhal kontra l-Illirja, il-Greċja, Traċja, u l-Gżejjer Eġej. Biss f'nofs is-seklu ħdax, il-Griegi kienu impenjati bil-kbir jiġġieldu lin-Normanni fl-Italja t'Isfel; dan minbarra li ħtiġilhom jiddefendu l-Imperu kontra l-invażuri Pecenek fuq id-Danubju, u t-Torok Seljukki fl-Anatolja.

Minn Ħakkiem għal Maħkum: L-Islam wara l-1091

Bejn l-assedju Grieg ta' nofs is-seklu ħdax, u l-konkwista Normanna ta' l-1091, hemm spazju ta' żewġ ġenerazzjonijiet. F'dan il-perjodu, l-Imperu Ruman tal-Lvant beda t-triq tan-niżla, li wasslitu għat-telfa kbira mġarrba fil-battalja ta' Manzikert (jew Malazkert) kontra t-Torok Seljukki fl-1071, daqqa ta' ħarta li minnha qatt ma rnexxilu jirkupra tassew. Fl-istess żmien, il-Griegi tilfu l-aħħar qagħdiet tagħhom fl-Italja t'Isfel bl-attakki ta' Robertu l-Gwiskardu, il-mexxej Normann, u jekk qatt kellhom xi tama li jirkupraw Sqallija, issa nqatgħetilhom sfumat għal kollox bis-suċċessi li kiseb hu l-Gwiskardu, Ruġġieru. In-Normanni kienu nies ta' żmienhom: Insara Latini li ħatfu kull opportunità li sabu fis-soċjetà tagħhom biex javvanzaw. Is-seklu ħdax kien żmien li offra ħafna minn dawn l-opportunitajiet għal min kellu ġo fih spirtu ta' avventura, qlubija, u ambizzjoni.

B'kuntrast mal-letarġija tad-dinja Griega, fil-Punent ta' l-Ewropa, art il-Kristjaneżmu Latin, kienu qed jinħassu bidliet kbar. Hekk kif intemmu l-aħħar invażjonijiet kontra l-kontinent Ewropew, il-popolazzjoni ħadet ir-ruħ u bdiet toktor f'kull pajjiż. L-ekonomija, li kienet imsejsa fuq il-biedja, qabdet tikber b'ritmu mgħaġġel biex tlaħħaq mad-domanda ġdida għall-ikel. Ngħidu aħna, fit-tramuntana ta' l-Ewropa, meded vasti ta' msaġar tqaċċtu biex jagħmlu wisgħa għar-raba'; mijiet ta' bliet nibtu fuq il-mappa Ewropea għall-ewwel

Skultura Musulmana f'Razzett Malti.

darba, waqt li l-kummerċ ta' bosta bliet Ewropej tal-Mediterran daħal fi żmien tad-deheb (Lopez 1971). Lejn is-sena 1000 merkanti minn Amalfi, Pisa, Ġenova, u Venezja, biex insemmi xi portijiet Taljani ewlenin, kienu diġà qed iwettqu kummerċ sfiq fl-ibliet tal-Lvant Nofsani, fl-Imperu Grieg u fl-Afrika ta' Fuq. Mhux kulħadd ried jieħu t-triq tal-kummerċ biex jistagħna; kien hemm min, bħan-Normanni, għażel it-triq tal-gwerra (ix-xogħol klassiku fuq l-Italja Normanna għal bosta snin kien Chalandon 1907; ara wkoll l-istudji miġburin ta' Ménager 1981; Loud 2000, 1-11).

Din l-espansjoni Ewropea ma naqsitx li tħalli l-effetti tagħha fil-qasam politiku: iż-żewġ forzi ewlenin, l-Imperu Ruman Qaddis u l-Knisja Rumana, issieltu fil-beraħ għall-kontroll tal-Punent. Din ta' l-aħħar uriet il-qawwa tagħha fil-Kruċjati. Dawn il-gwerer qaddisa mnedija mill-papiet kellhom l-għan li l-Art Imqaddsa tgħaddi f'idejn l-insara tal-Punent. Dan l-iskop intlaħaq, tista' tgħid, ma' l-Ewwel Kruċjata (1095-1099), imma s-Saltna ta' Ġerusalemm, imwaqqfa fl-1099, ma kellhiex ħajja twila; il-Belt Qaddisa għaddiet f'idejn Saladin fl-1187 (Mayer 1972; Erdmann 1977). Hemm xebh qawwi bejn il-kruċjati fil-Palestina, u dak li kien qed jiġri fi Spanja: hawn tnediet ir-*reconquista* nisranija tal-peninsula Iberika minn idejn l-Islam; iżda bil-maqlub tal-kruċjati fil-Lvant, ir-*reconquista* Spanjola kellha effetti dejjiema, għaliex wasslet għall-kontroll ta' Spanja f'idejn is-slaten insara ta' Leon u Kastilja, il-Portugall, u Aragona (Riley-Smith 1995, kapitlu 1).

Gruppi ta' Normanni kienu diġà niżlu fl-Italja t'Isfel ftit wara s-sena 1000, għax jissemmew fid-difiża ta' Salerno kontra attakk Musulman; fl-1017 in-Normanni attakkaw il-Griegi tal-Pulja. Dak iż-żmien, in-nofsinhar tal-peninsula kien maqsum f'għadd ta' stati

żgħar, uħud immexxijin minn prinċpijiet Lombardi, oħrajn minn kmandanti Griegi f'isem il-*basileus*. Fit-tramuntana, kien hemm l-istati tal-Papa; fuq in-naħa l-oħra ta' l-istrett, kien hemm Sqallija Musulmana. Ta' opportunisti kbar li kienu, in-Normanni rnexxielhom jinfilsaw ruħhom sewwa f'dan il-kwadru mħawwad ta' l-Italja t'Isfel, u fl-1030 ħadu Aversa. Għalkemm kellhom fama – aktar ġustifikata milli le – ta' ħallelin, u qajla kienu magħqudin bejniethom, kienu magħrufa wkoll għall-ħila tagħhom fil-ġlied. Din il-fama ta' qlubija ġieli laħqet proporzjon tassew esaġerat: Orderiku Vitalis, fil-bidu tas-seklu tnax, isostni li mitt Normann fid-difiża msemmija ta' Salerno taw xebgħa lil armata ta' għoxrin elf Musulman! Fil-gwerra kontra l-Griegi fil-Pulja, li baqgħet sejra fl-erbgħinijiet, iddistingwew ruħhom il-Konti tal-Pulja Gulelmu d'Hauteville, imlaqqam Driegħ tal-Ħadid (m.1045), u ħutu Drogo (m.1051), u Unfredu (m.1057) li wirtu l-istess titlu minkejja l-kompetizzjoni minn mexxejja Normanni oħrajn; bosta mill-aħwa d'Hauteville (ulied Tankredi) imxew fil-passi tagħhom, u sabu t-triq lejn l-Italja t'Isfel, inkluż Robertu l-Gwiskardu (jiġifieri, il-makakk) u Ruġġieru. Fl-1053, fil-battalja ta' Civitate, in-Normanni saħansitra rebħu fuq armata papali. Minn issa 'l quddiem, il-Knisja ftit kellha għażla għajr li tapprova l-programm espansjonistiku tal-mexxejja Normanni; is-sħubija bejn Ruma u n-Normanni ġiet issiġillata bil-ġurament li ħa Robertu f'Melfi, fil-bidu ta' l-1059. Sa sena wara, il-Kalbrija kienet f'idejhom; Ruġġieru seta' jagħti bidu biex iwettaq dak li Maniakes, f'isem Kostantinopli, ma rnexxilux itemm għoxrin sena qabel: il-konkwista ta' Sqallija (Loud 2000).

Fl-1060, l-emirat Kalbita Sqalli kien maħkum minn gwerra ċivili; fost l-oħrajn, emiri indipendenti f'Sirakuża, Castrogiovanni, Agriġento, u Katanja mill-bidu tas-seklu ħdax sfidaw fil-miftuħ it-tmexxija Kalbita mill-kapitali. Il-gvern ta' Palermo sar biss dell tal-passat tiegħu; tmenin sena qabel, l-emiri Kalbiti, li suppost kienu jiggvernaw f'isem is-slaten Fatimidi ta' l-Eġittu, bdew anki jiddandnu bit-titlu ta' *malik*, jew sultan, ta' gżirithom (dwar il-perjodu ara l-istudji ta' Rizzitano 1975). Fil-bidu tal-konkwista Normanna, Sqallija kellha għadd ta' bliet imdaqqsa u għonja; madwar żewġ terzi tal-popolazzjoni kienu Musulmani, uħud minnhom ta' oriġini nattiva, oħrajn ta' nisel Berberu. Fil-Lvant, speċjalment madwar Messina, kien għad fadal komunitajiet imdaqqsin ta' nsara, tista' tgħid kollha Griegi. Wieħed m'għandux għax jistagħġeb li, fi gżira d-daqs ta' Sqallija u daqshekk qrib tat-territorji Griegi fl-Italja t'Isfel, wara mitejn sena ta' ħakma Musulmana kien għad fadal terz tan-nies insara. Fl-istess żmien, għalkemm fuq skala ħafna iċken, anki fl-Afrika ta' Fuq kien għad fadal xi komunitajiet insara; u hemmhekk, il-ħakma ta' l-Islam kienet ilha d-doppju, jiġifieri erba' mitt sena.

Dawn il-karatteristiċi ma setgħux ma jolqtux lill-kittieb Goffredu Malaterra, il-patri Normann li ħallielna r-rakkont ta' għemejjel il-Konti Ruġġieru (*De Rebus Gestis Rogerii Calabriae et Siciliae Comitis*; ippubblikat fir-RIS, V, parti I, 1927). M'għandniex xi ngħidu, Malaterra jagħmel min kollox biex ipinġi lill-Konti fl-isbaħ dawl, bħala eroj tal-Kristjanità; huwa bis-saħħa tal-pinna tiegħu li nafu kif imxiet 'il quddiem din il-konkwista mwettqa min-Normanni fuq medda ta' xi tletin sena. Fl-1061, il-Gwiskardu u ħuh ħadu Messina; minn din il-bażi fi Sqallija, setgħu jaħdmu biex, belt wara l-oħra, iġegħlu kull komunità bil-forza jew bil-kelma t-tajba biex jagħrfu t-tmexxija tagħhom. Fl-1071 ħadu l-kapitali, Palermo, wara assedju ta' ħames xhur; fl-istess sena, il-Gwiskardu xerridha li se jattakka lil Malta. Din x'aktarx kienet biss qlajja', biex ma jikxifx idejh, u jfixkel lill-mexxejja Żiridi ta' l-Afrika; fil-fatt, il-flotta li ħejja ma daħlitx Malta, imma marret Katanja u ħadet dik il-belt bla xkiel (Loud 2000, 159-60). Biss dan il-fatt irrakkuntat minn

Malaterra jagħti x'tifhem li Malta kienet meqjusa ta' ċertu siwi strateġiku, biex Robertu l-Gwiskardu seta' jbeżża' lill-għadu b'attakk kontriha.

Sadattant, Ruġġieru beda jaħdem bla heda biex isaħħaħ l-iggvernar ta' niesu fil-gżira waqt li ma jurtax il-komunitajiet Musulmani u Griegi suġġetti għalih; sa l-1072 kellu daqs nofs Sqallija f'idejh. Mal-ewwel beda juri l-politika realistika tiegħu. Huwa minnu li fi bliet bħal Palermo u Katanja, il-Moskea Ewlenija nbidlet fi Knisja Latina, u gwarniġjuni Normanni tħallew biex jgħassu l-qagħdiet ewlenin, imma dan ma fixkilx, tista' tgħid, l-awtonomija tal-komunitajiet Musulmani u Griegi f'bosta aspetti ta' ħajja lokali. Fil-fatt lil dawn ħallihom imexxu lilhom infushom, dejjem bil-patt li jagħrfuh bħala l-awtorità suprema fil-pajjiż. Il-ħlas tal-ħaraġ u tal-ġiżja, fi żmien il-ħakma Musulmana kien il-marka taċ-ċittadin tat-tieni klassi, id-*dhimmi* nsara u Lhud; issa, bil-konkwista Normanna, dan il-piż tgħabba fuq dahar il-komunitajiet Musulmani. Dan kien is-sinjal ewlieni li ma kinux għadhom jgħixu f'Dar l-Islam; mill-bqija, l-ilsien, it-twemmin, u l-kultura baqgħu wirt qawwi ħafna li ma setax jitneħħa mil-lum għal għada. F'nofs is-seklu tnax, il-ġeografu Musulman Idrisi kiteb bl-Għarbi wieħed mill-aqwa xogħlijiet ġeografiċi taż-Żmien Nofsani, il-famuż *Ktieb Ruġġieru*, iddedikat lis-sultan Normann Ruġġieru II (ara l-edizzjoni ta' Bresc-Nef 1999); dan l-istess sultan ġabar madwaru għadd ġmielu ta' studjużi u poeti Għarab, uħud minnhom saħansitra minn Malta.

Il-Gwiskardu ma qagħadx jistenna li Sqallija kollha taqa' f'idejn in-Normanni; fl-1080 beda l-attakki tiegħu fil-Balkani, u ma ħebiex il-fatt li f'moħħu ma kellu xejn inqas minn Kostantinopli nnifisha. Miet f'Lulju ta' l-1085, fil-gżira ta' Kefalonja, hu u ġej lura minn spedizzjoni fl-Albanija. Ħadd ħlief ħuh Ruġġieru ma seta' jimla l-vojt li ħalla. Fil-ħames snin ta' wara, il-Konti ħabrek biex jikkonkludi l-gwerra li kien beda spalla ma' spalla ma' ħuh fi Sqallija tant snin qabel. Fl-1086 ħa Sirakuża, u s-sena ta' wara waqgħet Agriġento; il-konkwista ta' Sqallija ġiet fi tmiemha fi Frar ta' l-1091, bil-waqgħa ta' Noto. In-Normanni dawru għajnejhom fuq Malta u Għawdex; il-konkwista ta' Sqallija ma setgħetx tkun sħiħa b'dawn il-gżejjer f'idejn il-Musulmani.

Skond Malaterra, Ġordan d'Hauteville ried imexxi l-flotta li kellha tattakka Malta, minħabba l-età avvanzata ta' missieru Ruġġieru; iżda dan ħadha bi kbira, u saħaq li jmur Malta personalment. Akkumpanjat minn għadd ta' kavallieri, suldati, u daqqaqa ta' strumenti mużikali, f'Lulju tal-1091 il-Konti salpa lejn Malta (ara d-diskussjoni ta' Wettinger 1986). Il-mirkeb tal-Konti wasal l-ewwel; huwa niżel bi tlettax-il kavallier miegħu u dak in-nhar stess sar xi ġlied man-nies tal-gżira. In-Normanni qattgħu il-lejl f'xatt il-baħar, u l-għada filgħodu bdew l-assedju tal-belt ta' Malta. Wara xi ħin, ħareġ il-*gaytus* (il-qajd, jew kmandant, Musulman) akkumpanjat minn għadd ta' ċittadini; dawn, skond Malaterra, qajla kienu mħarrġin għall-gwerra, u talbu lill-Konti biex jagħmlu ftehim miegħu. F'dak il-waqt, għadd kbir ta' lsiera nsara (*captivi christiani*) ħarġu mill-belt, jgħajtu *Kyrie eleison* u jxejru s-slaleb; huma nxteħtu f'riġlejn il-Konti. Din ix-xena, dejjem skond Malaterra, il-Konti u sħabu tant qanqlithom li qabżilhom id-dmugħ. Il-Musulmani ta' Malta taw lil Ruġġieru żwiemel, bgħula u armi, u għadd kbir ta' flus, u qablu li jħallsuh il-ħaraġ kull sena. L-ilsiera nsara ġrew għal fuq ix-xini tal-Konti; li ma kinitx l-id t'Alla fuqhom, jgħid Malaterra, ibqa' ċert li kien jegħreq bihom b'kollox, daqs kemm kienu għadd kbir. Ruġġieru mar Għawdex, fejn il-forzi tiegħu għamlu ħerba sħiħa; in-nies t'hemm ukoll talbu biex jiftehmu. Il-Konti offra lill-insara meħlusin minn Malta li jibnilhom belt ġdida fi Sqallija, fejn ikunu jistgħu jgħixu f'ħelsien sħiħ; dawn, madankollu, ma laqgħux l-offerta tiegħu, u minflok għażlu li jmorru d-dar, kull wieħed minnhom lejn art twelidu. B'hekk xerrdu l-isem tajjeb ta' Ruġġieru kull fejn marru.

